MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru 382/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**V**

**JOSEPH ZAMMIT**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JOSEPH ZAMMIT** ta’ tnejn w ghoxrin sena, bin Anthony u Doris nee Bugeja, imwieled l-Gzira nhar l-ghaxra ta’ Settembru 1978 u residenti 'Angela Flats', Flat 26, Triq Antonio Sciortino, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 431378M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. B’diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fis-Swieqi, nhar s-sittax ta’ Marzu 2000, f’xi hin filghodu, kkommetta serq ta’ diversi oggetti minn fond numru 28, Triq Madliena, Swieqi,

liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin ghad-dannu ta' Maria Colombo;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommetta serq ta' diversi oggetti minn fond numru 27, Triq Madliena, Swieqi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Paul Aquilina;

3. Talli fiz-Zurrieq, nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2000, f'xi hin filghodu, kkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom deheb u flus minn fond 'Charisma', Triq n-Nigret, Zurrieq, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Guseppi Cilia;

4. Talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta nhar l-hmistax ta' Settembru 1994, nhar s-sbatax ta' Frar 1995, nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 1995, nhar s-sebgha ta' April 1997, nhar t-tlettax ta' Novembru 1998 u nhar l-hamsa ta' Ottubru 2000, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5. Talli kiser zewg provedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tieghu nhar t-tlettax ta' Novembru 1998 u nhar l-hamsa ta' Ottubru 2000, b'liema sentenzi kien gie misjub hati u liberat bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2003 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja [fol 273].

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-ghoxrin ta' Jannar 2004 [fol 274].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom t-tlett processi verbali relattivi redatti mill-Magistrat sedenti nhar s-sitta ta’ Ottubru 2000 [fol 48 et seq tal-atti], nhar l-ghaxra ta’ Ottubru 2000 [fol 102 et seq tal-atti] u nhar t-tmintax ta’ Ottubru 2000 [fol 152 et seq tal-atti], l-fedina penali tal-imputat [fol 4] w is-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro nhar l-hamsa ta’ Ottubru 2000 immarkata bhala dokument PC 3 [fol 26], s-sentenza datata sbatax ta’ Frar 1995 moghtija mill-allura Magistrat Dottor David Scicluna, wkoll fil-konfront tal-imputat odjern, esibita bhala dokument PC 4 [fol 29], sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru 1995, wkoll fil-konfront tal-imputat odjern, esibita bhala dokument PC 5 [fol 34], s-sentenza datata hmistax ta’ Settembru 1994 moghtija mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna, wkoll fil-konfront tal-imputat odjern w ohrajn, esibita bhala dokument PC 5 [fol 36] w is-sentenza datata tlettax ta’ Novembru 1998 moghtija mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro, wkoll fil-konfront tal-imputat odjern w ohrajn, esibita bhala dokument PC 6 [fol 38].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Awissu 2006, kif jirrizulta mill-verbal a fol 324 tal-atti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat [fol 4 et seq tal-atti] u minn ezami tal-istess, jirrizulta li l-imputat diga tressaq l-Qorti w instab hati f'ghaxar okkazzjonijiet fuq akkuzi ta' serq, ricettazzjoni u reati kontra l-ordni pubblika, u dan bejn s-sena 1994 w is-sena 2001, meta gie kkundannat prigunerija sospiza, multi, amenda u probation order.

Illi l-Qorti ghalhekk thoss li l-akkuzi odjerni huma serji, molto piu meta tqis l-import taghhom.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputat m'ikkopera xejn mal-prosekuzzjoni tant li rregistra l-ammissjoni tieghu wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u l-Avukat Generali baghat l-artikoli fuq imsemmija.

Il-Qorti, ma tqis d-dewmien f'dan il-kaz huwa attribwibbli ghal Qorti, izda ghal fatt li l-imputat irregistra l-ammisjoni tieghu tard tul l-proceduri w ghalhekk tali ammissjoni ma hijiex fattur mitiganti sabiex tkun klementi mieghu fl-ghoti tal-piena.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 18, 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 330, 279(b), 280, 281, 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputat JOSEPH ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sentjen u nofs.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Perit Valerio Schembri [fol 73], PC 1525 Patrick Farrugia [fol 90], PS 198 Arthur Debattista [fol 98], Perit Valerio Schembri [fol 124], PC 1525 Patrick Farrugia [fol 143], PS 198 Arthur Debattista [fol 147], PS 198 Arthur Debattista u PC 239 Joseph Caruana [fol 166] u Dottor**

**Joseph Sammut [fol 177] fl-ammont komplessiv ta' hames mija sitta w hamsin lira u hamsin centezmu [LM 556.50] u dan fi zmien tlett [3] xhur u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Finalment tordna li d-dokumenti esibiti l-Qorti w immarkati bhala PSP 1611 u PSP 1879 jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------